Il-Parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl
Ħal Safi tagħti bidu għat-tifkira
tal-1950 sena mill-Martirju ta' San Pawl
permezz ta'

A.D. 67 - 2017 RABAT MALTA
TEMMEJT IL-ĠIRJA
ĦARIST IL-FIDI
2 TIM 4,7

PELLEGRINAĠĠ għall-GROTTA ta' SAN PAWL fir-RABAT



fejn ikollna żjara u spjegazzjoni
u niċċelebraw il-Quddiesa.

Meta: IT-TNEJN 23-01-2017
Ħin: Fis-6:15pm
Tluq: Fil-5:30pm

# Pellegrinaġġ għall-
# Grotta ta' San Pawl
# fir-Rabat

# Ċelebrazzjoni li biha nibdew infakkru
# l-1950 Sena mill-Martirju ta' San Pawl

# QUDDIEM IL-GROTTA

## INNU TAĊ-ĊENTINARJU PAWLIN (1960)

Titkanta l-1 Strofa:

Art sabiħa, magħżula mis-sema,
Biex fost l-ewwel fid-dawl tat-twemmin
Tkun imgħammda mill-akbar Appostlu,
Pawlu Mqaddes missier il-Maltin.

Lilu bierek bħal meta ġie jżurek
Bl-ikbar ħlewwa li f'qalbek ħassejt;
Lilu faħħar u sellem bil-qima,
B'dik l-imħabba li dejjem urejt.

*Rit.:* Kbir Appostlu tal-Knisja ta' Kristu
Li fil-qlub ridtu jsaltan rebbieħ,
Int ħarisna biex f'din l-art imbierka
Jibqa' jiddi d-dawl tiegħek sabiħ!

## SPJEGAZZJONI DWAR IL-GROTTA

## IT-TISLIMA U R-RIFLESSJONI

1. Quddiem il-Grotta, iċ-Ċelebrant idur lejn il-poplu u jgħid:

Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Il-Ġemgħa twieġeb: Ammen.

Imbagħad isellem lill-ġemgħa b'dan il-kliem:

Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla l-Missier,
u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll.

Il-Ġemgħa twieġeb: U miegħek ukoll.

2. Issir din ir-Riflessjoni:

**Qari mill-Omeliji tal-Isqof San Ġwann Kriżostmu**

**(Hom. 2 de laudibus Sancti Pauli)**

***Pawlu stabar b'kollox għal Kristu***

Pawlu jurina wisq aħjar minn kulħadd x'inhu l-bniedem, kemm hija kbira n-natura tagħna, safejn għandha l-ħila tasal il-qawwa tal-bniedem. Minn jum għall-ieħor kien jitla' aktar fil-għoli, jikber fil-ħeġġa, u jitqabad bi ħrara dejjem ġdida kull meta jheddu xi periklu, kif hu nnifsu stqarr: *Waqt li ninsa lil ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi.*

Meta ra li l-mewt waslet fuqu, huwa ħeġġeġ lill-oħrajn biex jaqsmu miegħu fil-ferħ u l-hena, u qalilhom: *Intom ukoll għandkom tifirħu u tithennew miegħi.* U feraħ ukoll meta ra ma' wiċċu l-perikli it-tkasbir u t-tmaqdir, u kiteb lill-Korintin u qalilhom: *nifraħ b'dak li hu dgħajjef fija, bit-tagħjir, bil-persekuzzjonijiet;* lil dawn l-istess ħwejjeġ sejjħilhom armi tal-ġustizzja, fil-waqt li wriena l-frott tassew kbir li kiseb bihom. ...

L-imħabba ta' Kristu kienet l-akbar għaxqa tiegħu: biha kien iqis ruħu bħala l-bniedem l-aktar hieni fost kulħadd; mingħajrha, anqas jekk ikun mal-mexxejja u l-kbarat ma kien isib l-hena tiegħu. Kien aktar jagħżel ikollu din l-imħabba u joqgħod l-aħħar wieħed, anzi wieħed mill-ikkastigati, milli jiċċaħħad minn din l-imħabba. ...

Għalih, l-akbar uġigħ ta' qalb kien li jonqos minn din l-imħabba. ...

Il-mewt, l-uġigħ u l-kotra ta' tbatijiet, dan kollu kien iżommu bħallikieku logħob tat-tfal sakemm ikollu xi jbati għal Kristu.

**RESPONSORJU (1 Tim 1:13-14; 1 Kor 15:9)**

**R/.** Jiena sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf,
billi kont għadni ma nemminx; anzi
* Lili l-grazzja ta' Sidna ġiet mogħtija bil-kotra,
flimkien mal-fidi u mal-imħabba li hi fi Kristu Ġesù.

**V/.** Ma jistħoqqlix nissejjaħ appostlu, għaliex kont naħqar lill-Knisja ta' Alla.
* Lili l-grazzja ta' Sidna ġiet mogħtija bil-kotra,
flimkien mal-fidi u mal-imħabba li hi fi Kristu Ġesù.

# FIL-GROTTA

## IL-MIXEGĦLA TA' FJAMMA

### Ikompli: Innu taċ-Ċentinarju Pawlin

Filwaqt li ċ-ċelebrant jidħol fil-Grotta biex jixegħel fjamma f'isem il-Parroċċa quddiem ix-xbieha ta' San Pawl titkanta t-2 Strofa:

Kienet qalbek bla biża' qawwija,
Dejjem tħeġġeġ bl-imħabba ġo fik;
Għax ħabbejt, lilek ħaqru bħal Kristu,
L-infern kollu ried jaħbat għalik.

U mill-baħar li kaxkrek f'dil-Gżira
Ħriġt qalbieni mixgħul bit-twemmin:
Fuq ix-xtajta b'dik qalbhom ħanina
Sibt 'l uliedek jilqgħuk ferħanin.

*Rit.:* Kbir Appostlu tal-Knisja ta' Kristu
Li fil-qlub ridtu jsaltan rebbieħ,
Int ħarisna biex f'din l-art imbierka
Jibqa' jiddi d-dawl tiegħek sabiħ!

**Talba wara l-Mixegħla ta' Fjamma**

**Nitolbu: Mulej Alla tagħna,**

**ħeġġiġna b'dak in-nar ta' mħabba**

**li bih kebbist lill-Appostlu Missierna San Pawl**

**fil-ħsieb u l-ħerqa tiegħu għalik**

**u għal dawk kollha li jistqarru l-fidi fik.**

**Bi Kristu Sidna. Ammen.**

Il-ġemgħa tidħol iżżur il-grotta.

# FIL-KNISJA

# PURĊISSJONI LEJN L-ALTAR FEJN TKOMPLI L-QUDDIESA

## Ikompli: Innu taċ-Ċentinarju Pawlin

Titkanta t-3 strofa:

B'dik il-kelma tas-sema fuq fommok,
B'dik il-ħlewwa, o missier, u b'dik l-id
Ġibt lil Kristu fil-qalb ta' Gżiritna
U mlejt darna bis-saħħa, bil-ġid.

Fost uliedek din l-art Nisranija
Dejjem ħabbet tagħlimek qaddis:
Tul is-snin, fit-taqbid mal-għedewwa,
Lilek sabet Missier hekk għażiż.

*Rit.:* Kbir Appostlu tal-Knisja ta' Kristu
Li fil-qlub ridtu jsaltan rebbieħ,
Int ħarisna biex f'din l-art imbierka
Jibqa' jiddi d-dawl tiegħek sabiħ!

***Kitba:*** ***Dun Frans Camilleri*** ***Mużika:*** ***Mro Joseph Abela Scolaro***

Iċ-ċelebrant flimkien mal-ġemgħa jsibu posthom

u

ċ-ċelebrant jintroduċi l-quddiesa

# L-ATT PENITENZJALI U
# T-TISWIB TAL-ILMA MBIEREK

Iċ-Ċelebrant flimkien mal-ġemgħa jersaq lejn l-ilma mbierek

u jagħmel sinjal bih fuq moħħu, waqt li jlissen vrus minn Salm 51:

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi. **(Salm 51: 3-4)**

**Kyrie eleison ... *Kyrie eleison.***

Int li tħobb il-qalb sinċiera, għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.

Roxxni bl-ilma, u nissaffa; aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad. **(Salm 51: 8-9)**

**Christe eleison ... *Christe eleison.***

Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.

La twarrabnix minn quddiemek; tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.

Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, u bi spirtu qalbieni wettaqni. **(Salm 51: 12-14)**

**Kyrie eleison ... *Kyrie eleison.***

Wara ċ-Ċelebrant jgħid:

Iħenn għalina, Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna

u jwassalna għal ħajja ta' dejjem. Ammen.

**Kolletta**:-

**Nitolbu: Mulej, Alla tagħna, int għażilt b'mod tal-għaġeb**

**lill-Appostlu Missierna San Pawl u bgħattu jxandar l-Evanġelju tiegħek;**

**imla d-dinja kollha b'dik il-fidi li huwa wassal quddiem il-ġnus u s-slaten,**

**biex hekk il-Knisja tiegħek tikber dejjem.**

**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan**

**flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

# LITURĠIJA TAL-KELMA

## L-Ewwel Qari

### Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (Atti 22,3-16)

**F'dak iż-żmien, Pawlu qal lill-poplu: "Ħbieb, ħuti: Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja, imma trabbejt f'din il-belt f'riġlejn Gamaljel u tħarriġt bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi ta' missirijietna; jien mimli ħeġġa għal Alla, kif ukoll intom ilkoll illum. Jien ħadtha sal-mewt kontra min qabad din it-Triq tal-Mulej, u rbatt u tfajt il-ħabs irġiel u nisa, kif jista' jixhidli l-qassis il-kbir u l-Kunsill kollu tax-xjuħ. Kien mingħandhom li jien ħadt ittri għal ħutna, u mort Damasku biex lil dawk ukoll li kienu hemm inġibhom marbutin Ġerusalemm u jkunu kkastigati.**

**Imma jien u sejjer, kif kont qrib Damasku, f'daqqa waħda għall-ħabta ta' nofsinhar dawl kbir mis-sema idda madwari. Waqajt mal-art, u smajt leħen jgħidli, 'Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?' Jien weġibt, 'Min int, Mulej?' U hu qalli, 'Jien Ġesù ta' Nażaret, li int qiegħed tippersegwitah.' Dawk li kienu miegħi raw id-dawl, imma ma semgħux il-leħen ta' min kien ikellimni. Mbagħad jien għedt, 'X'għandi nagħmel, Mulej?' U l-Mulej qalli, 'Qum u mur Damasku. Hemm jgħidulek kull ma għandek tagħmel.' Billi ma stajtx nara minħabba d-dija ta' dak id-dawl, mexxewni minn idi dawk li kienu miegħi, u hekk wasalt Damasku.**

**Hemmhekk kien hemm wieħed, jismu Ħananija, raġel sewwa skond il-Liġi, li kellu fama tajba mal-Lhud li kienu joqogħdu hemm; ġie għandi, resaq fuqi u qalli, 'Sawl, ħija, ħu d-dawl.' Dak il-ħin stess bdejt nara u nħares lejh. Mbagħad hu qalli, 'Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommu stess.**

**Għax int għad trid tixhed għalih quddiem il-bnedmin kollha fuq dak li rajt u smajt. U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħall minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu.'"**

**Il-Kelma tal-Mulej.** — Irroddu ħajr lil Alla.

## Salm Responsorjali

Salm 19(18)

R/. Laudate omnes gentes, laudate Dominum *(x2)*

2 Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla,
għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.
3 Jum lil ieħor jagħti l-aħbar, lejl lil ieħor iwassal it-tagħrif. R/.

4 Ma hemmx aħbar u anqas kliem,
ma hemmx leħen li ma jinstemax.
5 Mal-art kollha jasal leħenhom,
mad-dinja kollha jixtered kliemhom. R/.

## It-Tieni Qari

### Mit-Tieni Ittra ta' San Pawl lil Timotju (2 Tim 2,1-3.8-13)

Ibni, qawwi ruħek fil-grazzja li hi fi Kristu Ġesù, u kull ma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn. Bati inti wkoll miegħi bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù.

Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skont l-Evanġelju li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sal-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-kelma ta' Alla mhijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal dejjem fi Kristu Ġesù.

Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha:
Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll;
jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll;
jekk niċħduh, jiċħadna hu wkoll;
jekk nonqsu mill-kelma li tajna, hu jibqa' jżomm kelmtu;
għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

**Il-Kelma tal-Mulej.** — Irroddu ħajr lil Alla.

## Halleluiah

R/. **Halleluiah, Halleluiah** (Ġw 11,25)

V/. **Jien hu l-qawmien u l-ħajja, jgħid il-Mulej,**

**Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix.**

R/. **Halleluiah, Halleluiah**

## Evanġelju

### Mill-Evanġelju skont San Ġwann (Ġw 12,20-26)

**F'dak iż-żmien, fost dawk li telgħu Ġerusalemm biex jagħtu qima 'l Alla fil-festa kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: "Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù." Filippu mar jgħid lil Indri, u mbagħad Indri u Filippu marru jgħidu 'l Ġesù.**

**U Ġesù weġibhom: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat. Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott.**

**Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem. Jekk xi ħadd irid jaqdini, dan għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, lilu Missieri jweġġaħ."**

**Il-Kelma tal-Mulej.** — It-tifħir lilek Kristu.

# L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

Iċ-Ċelebrant: **Ejjew nagħmlu l-Istqarrija tal-Fidi tagħna:**
**Tiċħdu lid-dnub, biex tgħixu fil-ħelsien ta' wlied Alla?**

Il-Ġemgħa: Iva, niċħad.

Iċ-Ċelebrant: **Tiċħdu lill-qerq tal-ħażen,**
**biex id-dnub ma jaħkimx fuqkom?**

Il-Ġemgħa: Iva, niċħad.

Iċ-Ċelebrant: **Tiċħdu lix-xitan, li jqanqal u jħajjar għad-dnub?**

Il-Ġemgħa: Iva, niċħad.

Iċ-Ċelebrant: **Temmnu intom f'Alla l-Missier li jista' kollox,**
**li ħalaq is-sema u l-art?**

Il-Ġemgħa: Iva, nemmen.

Iċ-Ċelebrant: **Temmnu f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna,**
**li twieled minn Marija Verġni,**
**bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet,**
**u qiegħed fil-lemin tal-Missier?**

Il-Ġemgħa: Iva, nemmen.

Iċ-Ċelebrant: **Temmnu fl-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja mqaddsa kattolika,**
**fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet,**
**fil-qawma mill-imwiet, u fil-ħajja ta' dejjem?**

Il-Ġemgħa: Iva, nemmen.

Iċ-Ċelebrant: **Din hi l-fidi tagħna. Din hi l-fidi tal-Knisja**
**li aħna niftaħru li nistqarru, f'Ġesù Kristu Sidna.**

Il-Ġemgħa: Ammen.

# IT-TALBIET TAL-FIDILI

**Missier, aħna li qed nagħmlu dan il-pellegrinaġġ f'dan il-post**
**fejn San Pawl sab kenn f'pajjiżna fi triqtu lejn Ruma,**
**il-belt li fiha kellu jċarċar demmu għall-fidi nisranija,**
**ser inressqulek dawn it-talbiet bl-interċessjoni tiegħu,**
**fiduċjużi fil-ġid li tridilna:**

a. Nitolbu biex il-Knisja, speċjalment f'pajjiżna, tissaħħaħ fl-għarfien u l-esperjenza tal-preżenza tiegħek u hekk issir dejjem aktar għalliema awtentika tal-verità u għajn ta' hena, serħan u sliem fil-ħniena li tipprattika. *Nitolbu*.

b. Żomm taħt il-ħarsien tiegħek lill-ħutna Maltin biex jgħożżu l-fidi li nissilna fiha l-Appostlu tal-ġnus, ħalli jgħixuha bil-fedeltà kollha, f'kull qasam tal-ħajja. *Nitolbu*.

c. Bierek il-familji kollha tagħna, biex jissaħħu dejjem iżjed fuq it-tagħlim li wasslulna l-Appostli. *Nitolbu*.

d. Kun ma' dawk li jwasslu l-Kelma tiegħek b'mod partikulari lit-tfal u liż-żgħażagħ sabiex fuq l-eżempju u l-ħeġġa ta' San Pawl, jgħinuhom isiru jafuk u jħobbuk. *Nitolbu*.

e. Niftakru f'min qed jibred jew jiċħad il-fidi, biex Kristu jmisslu qalbu u jdewwqu il-ħlewwa tal-fiduċja tiegħu. *Nitolbu*.

f. Nitolbu għal kull min qed ibati u hu vittma ta' inġustizzja, speċjalment minħabba l-fidi, biex ma jibżax jiftaħ qalbu dejjem aktar għat-tama. *Nitolbu*.

**Mulej, Alla tagħna, ilqa' dawn it-talbiet u wkoll,**
**għat-talb ta' San Pawl missierna,**
**għinna ningħaqdu iżjed miegħek fil-fidi u fl-imħabba,**
**aħna u nittamaw li għad ngħixu miegħek fil-ħajja ta' dejjem.**
**Bi Kristu Sidna. Ammen.**

# OFFERTI

Jitkanta l-Innu: **Mulej f'idejK**

Ħsibijietna ndawru lejn l-altar
U naraw is-Sagrifiċċju tas-Salib
F'dal-mument offrut għalina lkoll
Biex fuqeK tieħu t-toqol ta' kuljum.

*Rit.:* Mulej f'idejK,
jien nagħti ħajti lilek
Mulej f'idejk, ma' dal-ħobż u l-inbid
Mulej f'idejk, hawn ir-rieda tiegħi
Fuq dan l-altar, hawn jien Mulej,
Hawn jien.

**Talba fuq l-Offerti:-**

**Agħtina l-grazzja, Mulej,**
**li, aħna u noffrulek is-sagrifiċċju tal-fidwa,**
**l-Ispirtu s-Santu jimliena b'dak id-dawl tal-fidi**
**li bih dejjem dawwal lill-Appostlu Missierna San Pawl**
**biex ixandar il-glorja tiegħek.**
**Bi Kristu Sidna. Ammen.**

# PREFAZJU I TAL-APPOSTLI

## L-Appostli rgħajja tal-Poplu ta' Alla

V. **Il-Mulej magħkom.**

R. U miegħek ukoll.

V. **Nerfgħu qlubna 'l fuq.**

R. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

V. **Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**

R. Hekk sewwa u xieraq.

V. **Sewwa u xieraq tassew, Mulej, Missier Qaddis,**
**Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna**
**li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr:**

**Int Ragħaj ta' dejjem, ma tħallix waħidha l-Knisja tiegħek,**
**imma tibqa' dejjem tieħu ħsiebha u tħarisha permezz ta' l-Appostli,**
**biex ikomplu jreġuha dawk stess**
**li int qegħidt fuqha bħala ragħajja f'isem Ibnek.**

**Għalhekk, mal-Anġli u mal-Arkanġli, mat-Troni u mad-Dominazzjonijiet,**
**mal-qtajja' kollha tal-eżerċti tas-sema, intennu l-innu tal-glorja tiegħek:**

R. **Qaddis, qaddis, qaddis Mulej Alla tal-eżerċti,**
**is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.**
**Osanna fil-għoli tas-smewwiet.**
**Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.**
**Osanna fil-għoli tas-smewwiet.**

# AKKLAMAZZJONI

Titkanta din: **Kull darba**

Kull darba li nieklu minn dal-Ħobż,

Kull darba li nixorbu minn dal-Kalċi,

Inħabbru l-mewt tiegħek, *(x2)* Mulej,

sa ma tiġi, *(x3)* O Mulej.

# TQARBIN

**Antifona tat-Tqarbin** **Cf. Gal 2, 20**

**Jien ngħix bil-fidi fl-Iben ta' Alla,**

**li ħabbni u ta ruħu għalija.**

Jitkanta l-Innu: **Iddeċidejt**

Iddeċidejt Mulej li ħajti rrid nagħtik

Jien noffrilek lili nnifsi kif jien

Ħudni f'idejk u agħmel bija dak li trid

Kun int Mulej is-sid ta' ħajti.

*Rit.:* Hawn jien Mulej

Jien lest għalik u għal kull ma trid

Hawn jien Mulej

Bi mħabba kbira għalik

Hawn jien Mulej

U ikkmandani dak li trid

Hawn jien Mulej, iddeċidejt.

# RIT TAL-GĦELUQ

## Talba wara t-Tqarbin

**Nitolbu:**

**Mulej, bis-saħħa ta' din it-tqarbina bil-Ġisem ta' Ibnek,**
**agħmel li Kristu jkun il-ħajja tagħna**
**biex xejn ma jifridna mill-imħabba tiegħu,**
**u li ngħixu wkoll fl-imħabba ma' ħutna,**
**kif wissina l-Appostlu Missierna San Pawl.**
**Bi Kristu Sidna. Ammen.**

# BARKA BID-DRIEGĦ TA' SAN PAWL

# INNU POPOLARI LIL SAN PAWL

## - Valletta, Malta -

(Mis-sema l-ġmiel li jsebbaħ)

Mis-sema l-ġmiel li jsebbaħ
Dil-gżira kollha ward;
Mill-ġonna sbieħ u mfewħa
Iż-żina ta' din l-art;
Mal-ġieħ, il-ferħ, il-kobor
U l-fidwa tal-Maltin
Minn Pawlu li ħallielna
Fi qlubna dat-twemmin!

*Rit.:* Ifirħu, ulied dil-gżira,
Li sibtu dan id-dawl,
Bierku 'l Mulej li wassal
Ġo qalbna lil San Pawl.

Din l-art, Missier, ħelsitek
Mill-qilla tal-mewġiet,
U ferħet bik u miegħek
L-imħabba kollha wriet.
Int sibt f'dil-gżira ċkejkna
Il-kenn x'ħin kont għajjien:
U fraħt li qlub uliedha
Bħalhom ma sibt imkien!

*Rit.:* Ifirħu, ulied dil-gżira ...

U int ħallast bl-imħabba
Il-ħniena li wrejnik;
Int tajtna d-dawl u fostna
l-egħżeż Missier sibnik.
Ibqa' Missier f'dil-gżira
Li dejjem tatek ġieħ
Ħarisna lkoll mexxina
Ftakar fejn sibt mistrieħ!

*Rit.:* Ifirħu, ulied dil-gżira ...

***Kitba:*** ***Dun Frans Camilleri*** ***Mużika:*** ***Mro Giuseppe Micallef***

***Miktub nhar il-5 ta' Settembru 1945***

# INNU POPOLARI LIL SAN PAWL

## - Rabat, Malta –

**(Kienet sejħa)**

Kienet sejħa tal-għaġeb mis-sema
li qanqlitek biex tħobb bla mistrieħ,
lill-Mulej b'dik il-qawwa, bil-ħeġġa
biex tissielet u tirbaħ għalih. *R.:*

*Rit.:* Int batejt l-eħrex martirju
biex ixxerred l-għerf u l-ġid.
Int mexxina, Pawlu mqaddes,
waqt is-siegħa tat-taqbid.

Inti ġrejt b'dik il-ħeġġa qaddisa
biex iddawwal lil bosta artijiet.
Qatt ma bżajt mit-theddid u mill-ktajjen.
Int xandartu lil Kristu fl-ibliet. *Rit.:*

Kemm-il darba sibt l-għarqa quddiemek;
kemm-il darba ja mqaddes sawtuk.
imma l-qawwa tar-rieda f'imħabbtek
kienet tegħleb lil dawk li ħaqqruk. *Rit.:*

Semgħu kelmtek Atene u Korintu
u l-ibliet fejn xerridt it-twemmin.
Ġibt id-Dawl f'din il-gżira fejn għadhom
isejħulek Missier il-Maltin. *Rit.:*

Ġewwa Ruma dil-ħidma qaddisa
int wettaqtha bħal Kristu bid-demm,
imma d-dawl l'inti xegħelt biex jitkebbes
baqa' jiddi fuq l-art bla jintemm. *Rit.:*

# INNU POPOLARI LIL SAN PAWL

## - Ħal Safi, Malta –

F'dan il-jum għażiż għalina
Qalbna tħeġġeġ bin-nirien
Li jitnisslu mill-imħabba
Lejn min tana l-ħelsien.
Mill-irbit tal-paganeżmu
U mexxiena lejn id-Dawl.
Nagħtu qima, ġieħ, u glorja
Lil missierna kbir San Pawl. *Rit.:*

*Rit.:* Ieqaf magħna, ħares fuqna,
Waqt li ħfif jittajru s-snin,
Itfa' l-barka, itfa' s-sliema
Fuq uliedek Ħalsafin.

Kont għatxan għad-demm nisrani
Dak inhar li tlaqt armat
Mas-suldati lejn Damasku
Mogħti l-barka tal-kbarat.
Iżda malli qrobt biex tasal,
Niżel dawl, iż-żiemel tar;
Int waqajt u kellmek Alla,
Hekk li fik miraklu sar. *Rit.:*

Fil-belt mort għand Ananija,
Hemm stajt tagħraf lill-Ħallieq.
Ksibt id-Dawl fir-ruħ, fil-ġisem.
Qalbek sabet li tixtieq.
Minn hemmhekk tlaqt, dort id-dinja,
Ta' Ġesù t-tagħlim xandart
U fil-medda ta' mixjitek
Ħsibt ukoll f'din-naqra t'art! *Rit.:*

***Kitba:*** ***Pawlu Callus***
***Mużika:*** ***Mro Anton Muscat Azzopardi***